



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.7.2013
COM(2013) 566 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

**RAPPORT ANNWALI 2012
DWAR IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

RAPPORT ANNWALI 2012 DWAR IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

1. INTRODUZZJONI

Dan huwa l-għoxrin rapport annwali dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fit-tfassil tal-liġijiet tal-UE. Dan ir-rapport huwa ppreżentat skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji (minn issa 'l quddiem "il-Protokoll") mehmuż mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Ir-rapport jagħti ħarsa lejn kif istituzzjonijiet u korpi differenti tal-UE implimentaw dawn iż-żewġ prinċipji u jekk il-prattika nbidlitx meta mqabbla mas-snin ta' qabel. Dan janalizza f'aktar dettall ċerti proposti tal-Kummissjoni li kienu s-suġġett ta' opinjonijiet motivati fl-2012. Minħabba li l-2012 rat l-ewwel 'karta safra' mill-parlamenti nazzjonali, kif introdotta mit-Trattat ta' Lisbona, ir-rapport jiffoka fuq dak il-każ partikolari. Minħabba r-rabtiet mill-qrib bejn il-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà u d-djalogu politiku bejn il-Parlamenti nazzjonali u l-Kummissjoni, dan ir-rapport għandu jitqies bħala kumplimentari għar-Rapport Annwali tal-Kummissjoni għas-sena 2012 dwar ir-relazzjonijiet mal-Parlamenti nazzjonali.¹

2. APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI MILL-ISTITUZZJONIJET

2.1. Il-Kummissjoni

Minħabba d-dritt ta' inizjattiva, il-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà li tiżgura li jsiru l-għażliet it-tajba, dwar jekk u kif tiġi proposta azzjoni fil-livell tal-UE ssir fi stadju bikri tal-iżvilupp ta' politika.

Għaldaqstant, u f'konformità mal-impenn tagħha għal regolamentazzjoni intelliġenti, qabel ma tipproponi inizjattivi ġodda, il-Kummissjoni tivverifika jekk l-UE għandhiex id-dritt li tiegħu azzjoni u jekk l-għanijiet tal-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri.

L-ewwel, il-Kummissjoni theggi pjanijiet direzzjonali disponibbli pubblikament² għall-inizjattivi ewlenin kollha. Il-pjanijiet direzzjonali jipprovdu deskrizzjoni preliminari ta' inizjattivi possibbli u jispeċifikaw il-pjanijiet tal-Kummissjoni għax-xogħol ta' politika u konsultazzjoni. Dawn dejjem jinkludu ġustifikazzjoni inizjali għal azzjoni f'termini ta' sussidjarjetà u proporzjonalità.

Aktar tard matul il-fażi tal-iżvilupp tal-politika, titwettaq analiżi iktar sħiħa ta' kwistjonijiet ta' sussidjarjetà bħala parti mill-proċess ta' valutazzjoni tal-impatt (IA), filwaqt li jitqiesu l-opinjonijiet espressi matul il-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati. Għal dan l-għan, huwa pprovdut sett ta' mistoqsijiet strutturati għall-analiżi tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità fil-Linji Gwida IA,³ u jservi bħala bażi għall-valutazzjoni tad-dritt tal-UE biex jaġixxi u l-ġustifikazzjoni għal azzjoni tal-UE.

¹ COM(2013) 565.

² http://ec.europa.eu/governance/impact/planned_ia/planned_ia_en.htm.

³ SEC(2009) 92.

Għalhekk, is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità ta' azzjoni possibbli tal-UE hija vvalutata abbażi tal-evidenza kollha disponibbli. Dan imbagħad jiġi eżaminat sew mill-Bord għall-Valutazzjoni tal-Impatt.⁴

Konxji tar-rwol ewlieni li għandhom il-valutazzjonijiet tal-impatt fit-twaqqif tal-evidenza għall-persuni politiċi li jieħdu d-deċiżjonijiet, il-Bord immarka fir-rapport annwali tiegħu għall-2012⁵ il-ħtieġa li tiġi pprovduta ġustifikazzjoni robusta u dettaljata tas-sussidjarjetà fl-IAs kollha.

Fl-2012, l-IAB eżamina 97 valutazzjoni tal-impatt u ħareġ 144 opinjoni. Il-kummenti dwar il-kwistjonijiet ta' sussidjarjetà ġew inklużi fi 33 % tal-opinjonijiet tiegħu.

Wieħed mill-każijiet li l-IAB kkummenta dwaru fir-rigward tas-sussidjarjetà kien l-IA għall-proposta għal Direttiva dwar il-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati (COM(2012) 372). F'dan il-każ, l-IAB talab lis-servizz ewlieni "biex isahha il-valutazzjoni tal-ħtieġa għaż-żmien u l-valur miżjud ta' azzjoni tal-UE skont il-bażi legali proposta (suq uniku u diversità kulturali)". Bħala riżultat, l-IA riveduta ppreżentat b'mod aktar ċar ir-raġuni għall-proposta ta' inizjattiva tal-UE, pereżempju spjegazzjoni aħjar dwar in-natura transnazzjonali tal-problemi identifikati li juru li l-qafas legali eżistenti kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE wera li mhuwiex biżżejjed biex jindirizza l-problemi.

Għall-IA għall-proposta għal Regolament dwar Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja,⁶ l-IAB ssuġġerixxa li "tippreżenta b'mod aktar ċar il-ħtieġa u l-valur miżjud ta' azzjoni tal-UE sabiex l-aspettattivi politiċi jistgħu jiġu żviluppati fil-kuntest xieraq tagħhom". Huwa talab ukoll lis-servizz ewlieni biex "jindirizza b'mod aktar espliċitu l-komplementarjetà u l-koordinazzjoni tal-[Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja] mal-ħidma ta' organizzazzjonijiet oħra, minħabba t-tħassib tal-partijiet interessati dwar id-duplikazzjoni u l-kompetizzjoni". Ir-rapport rivedut tal-IA segwa dawn ir-rakkomandazzjonijiet u pprova ġustifikazzjoni iżjed bir-reqqa għal azzjoni mill-UE.

L-opinjonijiet tal-IAB jgħinu fit-titjib tal-analiżi ta' konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, u dawn jikkostitwixxu, flimkien mar-rapporti tal-IA infushom, elementi importanti li jsaħħu l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi tal-Kummissjoni.

2.2. Parlamenti nazzjonali

Fl-2012, il-Kummissjoni rċeviet mingħand il-parlamenti nazzjonali 70 opinjoni motivata, simili għall-għadd riċevut is-sena ta' qabel (64 fl-2011), b'żieda żgħira ta' madwar 9%. Madankollu, il-proporzjon ta' opinjonijiet motivati li waslu fl-2012 kien l-istess bħall-għadd globali ta' opinjonijiet li l-Kummissjoni rċeviet fil-kuntest ta' djalogu politiku usa' tagħha mal-parlamenti nazzjonali fl-2012 (663). Bħal fl-2010 u l-2011, dawn kienu jammontaw għal ftit aktar minn 10%. L-2012 rat l-ewwel użu tal-karta safra mill-parlamenti nazzjonali fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà, b'reazzjoni għall-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar l-eżerċitar tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà biex jiġu pprovduti s-servizzi. Dan il-proċess huwa deskritt f'aktar dettall fil-kapitolu 3.

L-opinjonijiet motivati jkomplu jvarjaw ħafna f'termini tal-forma tagħhom u t-tip ta' argumenti mressqin mill-parlamenti nazzjonali li jsaħħu l-konklużjoni tagħhom li l-prinċipju tas-sussidjarjetà nkiser. Simili għas-sena ta' qabel, il-fokus tal-opinjonijiet motivati li joħorġu mill-parlamenti nazzjonali kien varjat ħafna. Is-70 opinjoni motivata koprew mhux anqas minn 23 proposta tal-Kummissjoni. Wara l-proposta Monti II (12-il opinjoni motivata),

⁴ http://ec.europa.eu/governance/impact/iab/iab_en.htm.

⁵ http://ec.europa.eu/governance/impact/key_docs/docs/iab_report_2012_en_final.pdf.

⁶ COM(2012) 514.

il-proposta għal Regolament dwar il-Fond għall-għajnuna Ewropea għal dawk l-aktar fil-bżonn siltet it-tieni l-ogħla numru ta' opinjonijiet motivati (5). Tmien proposti oħra siltu tliet opinjonijiet motivati kull wiehied (għad-dettalji ara l-Anness). Din it-tendenza jidher li tikkonferma l-interessi politiċi varji tal-parlamenti nazzjonali, li jsegwu prijoritajiet differenti meta jagħżlu l-proposti tal-Kummissjoni li għandhom jiġu skrutinizzati fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà u japplikaw kriterji differenti meta jivvalutaw il-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Dan ifisser li l-koordinazzjoni bejniethom tibqa' sfida.

Bħal fl-2011, il-*Riksdag* Svediża kien il-Parlament nazzjonali li adottat bil-bosta l-ogħla numru ta' opinjonijiet motivati (20), kważi d-doppju tan-numru fl-2011 (11). Ir-*Riksdag* tiskrutinizza l-proposti kollha tal-Kummissjoni f'termini ta' sussidjarjetà, u tiddeċentralizza l-iskrutinju lill-kumitati parlamentari kollha, li jidhru li japplikaw kriterji differenti. Dan jista' jkollu impatt fuq l-għadd ta' opinjonijiet motivati li jinħarġu mir-*Riksdag*.⁷ Is-Sénat Franċiż ħareġ it-tieni l-ogħla numru ta' opinjonijiet motivati (7), segwit mill-*Bundesrat* Ġermaniż (5). Dawn it-tliet ikmamar waħedhom ħarġu kważi 50 % tal-opinjonijiet motivati kollha maħruġa mill-Parlamenti nazzjonali fl-2012.

It-tmintax-il rapport biannwali tal-COSAC⁸ jagħti ħarsa ġenerali lejn il-proċeduri u l-prattiċi li jirrigwardaw skrutinju parlamentari.⁹ Dan id-dokument, ibbażat fuq it-tweġibiet mibgħuta mill-parlamenti nazzjonali/kmamar għal kwestjonarju, jikkonkludi li l-proċeduri huma differenti b'mod partikolari f'termini ta' opinjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali dwar ir-relazzjoni bejn il-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità. Filwaqt li xi wħud jemmnu li huma daqstant ieħor importanti, oħrajn jemmnu li l-prinċipju ta' proporzjonalità huwa sempliċiment komponent ta' sussidjarjetà. Iżda ħafna mill-parlamenti nazzjonali huma tal-opinjoni li l-kontrolli ta' sussidjarjetà mhumiex effettivi sakemm ma tkunx inkluża verifika ta' proporzjonalità.

Ir-rapport jgħid li maġġoranza kbira tal-parlamenti nazzjonali jirrapportaw li l-opinjonijiet motivati tagħhom spiss huma bbażati fuq interpretazzjoni usa' tal-prinċipju tas-sussidjarjetà mill-kliem fil-Protokoll Nru 2. Pereżempju, l-*Eerste Kamer* Olandiż jemmen li “mhuwiex possibbli li jiġi eskluż il-prinċipji ta' legalità u proporzjonalità meta tiġi applikata l-verifika tas-sussidjarjetà...”. Is-*Senát* Ċek huwa tal-opinjoni li s-sussidjarjetà għandha “natura ġenerali u astratta ... mhijiex kunċett legali strett u ċar” u għalhekk għandha tintuża interpretazzjoni wiesgħa. Il-House of Lords tar-Renju Unit tat fehma simili, billi argumentat favur interpretazzjoni usa' ta' dan il-prinċipju minħabba li “għalkemm il-prinċipju huwa kunċett ġuridiku, fil-prattika l-applikazzjoni tiegħu tiddependi fuq ġudiżżju politiku”.

L-opinjonijiet differenti tal-Parlamenti nazzjonali dwar il-fehim u l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà wasslet għal opinjonijiet differenti dwar il-ħtieġa għal linji gwida biex jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni ta' kontroll tas-sussidjarjetà u kriterji relatati. Nofs biss tal-parlamenti nazzjonali li wiegħbu għall-kwestjonarju COSAC kienu favur dan. Dawk kollha li taw l-appoġġ tagħhom insistew li kwalunkwe linja gwida għandha tkun mhux vinkolanti.

2.3. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill

Fil-Kunsill, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ta' kull Stat Membru (Coreper) jiżguraw li l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità huma rispettati. Fl-2012 il-Parlament Ewropew ħoloq direttorat orizzontali ġdid biex jipprovdi firxa usa' ta' servizzi lill-kumitati tal-PE dwar valutazzjonijiet tal-impatt u valur miżjud Ewropew.

⁷ Ir-rapport tal-Kumitat Kostituzzjonali tar-Riksdag — 2012/13:KU8.

⁸ COSAC hija Konferenza tal-Kumitati tal-Parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li tittratta l-kwestjonijiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll rappreżentanti tal-Parlament Ewropew.

⁹ It-tmintax-il rapport biannwali: L-iżviluppi fil-Proċeduri u l-Prattiki tal-Unjoni Ewropea Rilevanti għall-Iskrutinju Parlamentari, is-27 ta' Settembru 2012.

Ix-xogħol fuq il-valutazzjonijiet tal-impatt ikopri l-iskrinjar ta' pjanijiet direzzjonali tal-Kummissjoni li juru politika pjanata u konsultazzjoni tax-xogħol u jagħmlu evalwazzjoni inizjali tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni. Fuq talba ta' kumitati individwali, jista' jipprovdi wkoll valutazzjonijiet dettaljati tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni, analiżi kumplimentari dwar aspetti tal-proposti li mhumiex koperti oriġinarjament mill-Kummissjoni u valutazzjonijiet tal-impatt ta' emendi kkunsidrati mill-Parlament.

Il-Parlament Ewropew issa jħares ukoll lejn il-valur miżjud Ewropew tal-proposti, billi janalizza l-benefiċċju potenzjali ta' azzjoni tal-UE fil-ġejjieni. Fuq talba ta' kumitat tal-Parlament Ewropew, valutazzjonijiet Ewropej b'valur miżjud jistgħu jiġu pprovduti biex jivvalutaw l-impatti potenzjali u jidentifikaw il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-proposti magħmula f'rapporti leġiżlattivi tal-Parlament. Il-Parlament Ewropew issa jista' jipproduċi wkoll rapporti dwar l-ispiża jekk ma titteħidx azzjoni fil-livell tal-UE, dwar oqsma ta' politika b'potenzjal sinifikanti għal aktar effiċjenza u/jew fuq il-kisba ta' "għid pubbliku" billi jieħu azzjoni fil-livell tal-UE, fejn tali azzjoni bħalissa hija nieqsa.

Fl-2012, il-Parlament Ewropew ħareġ 10 evalwazzjonijiet inizjali tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni, evalwazzjoni waħda dettaljata ta' valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni u tliet rapporti dwar valur miżjud Ewropew.

Fit-13 ta' Settembru 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet, li sa ċertu punt twieġeb għar-rapport annwali tal-Kummissjoni għall-2010 dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.¹⁰ F'dan ir-rigward, il-Parlament Ewropew, simili għall-COSAC, jissuġġerixxi li l-każ għandu jiġi eżaminat sabiex jistabbilixxi l-kriterji fil-livell tal-UE għall-evalwazzjoni ta' konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

Barra minn hekk, ir-rapport tal-Parlament Ewropew jenfasizza d-dimensjoni reġjonali u lokali tal-iskrutinju tas-sussidjarjetà u jitlob li ssir analiżi indipendenti tal-Kummissjoni tar-rwol tal-parlamenti reġjonali u lokali fil-qasam tal-kontroll tas-sussidjarjetà. Fit-tweġiba tagħha għar-rapport tal-Parlament Ewropew,¹¹ il-Kummissjoni kkonfermat li l-Kumitat tar-Reġjuni diġà ħejja din l-analiżi.¹²

2.4. Il-Kumitat tar-Reġjuni

Fl-2012, il-Kumitat tar-Reġjuni (CoR) adotta strateġija ġdida dwar il-monitoraġġ tal-prinċipju ta' sussidjarjetà. L-għan huwa li tissaħħaħ mill-ġdid l-istruttura tal-governanza ta' ħidma ta' monitoraġġ ta' sussidjarjetà tal-CoR, tistabbilixxi approċċ komprensiv biex timmonitorja s-sussidjarjetà matul il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, bl-involvement tal-UE u l-istituzzjonijiet nazzjonali f'din il-ħidma u tikkonsolida d-disponibbiltà tal-CoR biex tieħu azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

F'dan il-kuntest, twaqqaf il-grupp ta' tmexxija tas-sussidjarjetà biex jipprovdi governanza politika ta' ħidma ta' monitoraġġ ta' sussidjarjetà tal-CoR. Dan jikkoordina u jagħti segwitu politiku għall-attivitajiet ta' monitoraġġ tas-sussidjarjetà matul is-sena. Huwa responsabbli sabiex jenfasizza l-prijoritajiet annwali ta' sussidjarjetà u sabiex isiru proposti dwar l-użu tal-iktar għodod xierqa u l-proċeduri tan-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà sabiex tiġi appoġġjata l-ħidma tar-relaturi tal-CoR fil-proċess leġiżlattiv.

L-istrateġija riveduta tenfasizza li attivitajiet ta' monitoraġġ tas-sussidjarjetà tal-CoR għandhom jinbnew matul il-fażi preleġiżlattiva. Dan l-approċċ jiddependi fuq ir-rwol ta' Grupp ta' Esperti tas-Sussidjarjetà, li jinkludi 16-il uffiċjal min-Netwerk ta' Monitoraġġ tas-

¹⁰ COM(2011) 344.

¹¹ SP (2012) 766/2.

¹² <http://extranet.cor.europa.eu/subsidiarity/regpex/Pages/Study-on-Regional-Parliaments.aspx>.

Sussidjarjetà magħżula skont l-għarfien espert tagħhom f'termini ta' sussidjarjetà u għall-esperjenza kbira tagħhom fil-liġi tal-UE. Il-Grupp iltaqa' għall-ewwel darba fil-25 ta' Ottubru 2012 u għażel inizjattivi għal monitoraġġ prijoritarju. Fuq din il-bażi, il-Bureau tal-CoR adotta fit-30 ta' Jannar 2013 il-Programm ta' Ħidma ta' Sussidjarjetà.¹³ Dan jinkludi erba' inizjattivi pjanati fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2013 (il-fatturazzjoni elettronika fil-qasam tal-akkwist pubbliku, "Blue Belt" għal suq uniku għat-trasport marittimu, ir-Reviżjoni tal-Politika u l-Leġiżlazzjoni dwar l-Iskart, il-qafas dwar il-klima ambjentali u l-valutazzjoni tal-enerġija li jippermetti l-estrazzjoni sigura u mingħajr periklu l-estrazzjoni tal-idrokarburi mhux konvenzjonali) u l-Mobbiltà Urbana (li mhijiex koperta mis-CWP 2013, iżda l-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li toħroġ Komunikazzjoni dwar id-dimensjoni urbana tal-politika tat-trasport tal-UE fl-2013).

Imwaqqaf fl-2007, in-Netzwerk tal-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà (SMN) huwa l-għodda ta' monitoraġġ prinċipali tal-CoR, u inkluda 141 imsieħeb fi tmiem l-2012. Il-bażi tas-sħubija u r-rappreżentanza tiegħu reġġu żdiedu fl-2012, partikolarment minħabba li nqas l-parlamenti u l-gvernijiet reġjonali. Konsultazzjonijiet tal-imsieħba SMN huma l-għodda operattiva ewlenija użata waqt it-tnejn ta' abbozz ta' opinjoni tal-CoR permezz ta' relatur. Saru tliet konsultazzjonijiet fl-2012 — dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa,¹⁴ fis-7 Programm ta' Azzjoni Ambjentali (EAP)¹⁵ u dwar l-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ("Monti II").¹⁶ Taħt pjan ta' Azzjoni tal-SMN, grupp ħa-dem matul is-sena dwar ir-reviżjoni tal-linji gwida tat-TEN-T u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

Fi Frar 2012, REGPEX, l-Iskambju Parlamentari Reġjonali, tnieda bħala sub-network tan-Netzwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà, miftuħ għall-parlamenti u l-gvernijiet tar-reġjuni li għandhom setgħat leġiżlattivi. Huwa jappoġġja dawn ir-reġjuni meta jkun qegħ jagħtu s-sehem tagħhom fil-monitoraġġ tas-sussidjarjetà tal-leġiżlazzjoni tal-UE, b'mod partikolari fil-kuntest ta' sistema ta' twissija bikrija u ta' wara Lisbona u l-konsultazzjoni possibbli tagħhom mill-parlamenti nazzjonali. Il-CoR jikkunsidra lil REGPEX mhux biss bħala bażi ta' dejta teknika, li jipprovdni aċċess għal sorsi ta' informazzjoni u li tippubblika l-pożizzjonijiet reġjonali, iżda wkoll bħala network li jrawwem kuntatti fost ir-"reġjuni leġiżlattivi" tal-UE.

L-opinjonijiet li ġejjin li ġew addottati mill-CoR fl-2012 qajmu tħassib fir-rigward tal-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u proporzjonalità, uħud minnhom jiċċitaw ksur potenzjali: il-proposta għal Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ERDF; is-7 Programm ta' Azzjoni Ambjentali; il-Pakkett tal-akkwist pubbliku, il-pakkett tal-protezzjoni tad-dejta u l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas tal-provvediment ta' servizzi.

2.5. Il-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-2012 il-Qorti tal-Ġustizzja ma tat l-ebda sentenza li żviluppat b'mod sinifikanti il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Madankollu, fil-każ C-288/11 P, *Mitteldeutsche Flughafen*, sentenza tad-19 ta' Diċembru 2012, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, li fih il-Kummissjoni għandha kompetenza esklussiva.

Barra minn hekk, fil-kawża C-221/10 P, *Artegodan*, sentenza tad-19 ta' April 2012, il-Qorti tenniet li s-sussidjarjetà, u b'mod aktar ġenerali r-regoli ta' kompetenza tat-Trattat, ma jagħtux

¹³ CDR2336-2012.

¹⁴ COM(2011) 659.

¹⁵ COM(2012) 95.

¹⁶ COM(2012) 130.

lok għal drittijiet individwali, u għalhekk ksur ta' dawn ir-regoli fih innifsu ma jikkawżawx responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni u l-istituzzjonijiet tagħha.

3. KAŻIJET EWLENIN FEJN TQAJJEM TĦASSIB DWAR IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

Proposta għal Regolament dwar l-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li tagħti servizz (Monti II).

Il-Parlamenti nazzjonali ħarġu 12-il opinjoni motivata dwar il-proposta Monti II, li jirrappreżentaw 19-il vot (18 ikun il-limitu), u b'hekk għall-ewwel darba wasslu għall-imsejħa karta safra.¹⁷

L-għan tal-proposta tal-Kummissjoni kien li jiċċara l-interazzjoni bejn l-eżerċizzju tad-drittijiet soċjali u l-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment u ta' provvista ta' servizzi mnaqqxa fit-Trattat. Hija ppruvat tindirizza t-tħassib imqajjem mill-partijiet interessati (speċjalment it-trejdjunjins) li, fis-suq uniku, il-libertajiet ekonomiċi jipprevalu fuq id-dritt tal-istrajk wara s-sentenzi Viking Line u Laval tal-Qorti tal-Ġustizzja, billi jiġu ċċarati fi strument leġiżlattiv li ma jeżisti l-ebda preċedenza bejn it-tnejn. Il-Kummissjoni kienet konxja tas-sensittività tal-kwistjoni u diffikultajiet biex isibu bażi komuni bejn l-interessi kuntrastanti dwar kif l-aħjar tittratta kunflitt industrijali f'sitwazzjonijiet li jinvolvu n-negozji u l-ħaddiema fi Stati Membri differenti.

L-opinjonijiet motivati nħarġu minn SE *Riksdag* (2 voti), DK *Folketing* (2 voti), FI *Eduskunta* (2 voti), FR *Sénat* (1 vot), PL *Sejm* (1 vot), PT *Assembleia da República* (2 voti), LV *Saeima* (2 voti), LU *Chambre des Députés* (2 voti), BE *Chambre des Représentants* (1 vot), UK House of Commons (1 vot), NL *Tweede Kamer* (1 vot) u MT *Kamra tad-Deputati* (2 voti).

Il-maġġoranza tal-parlamenti nazzjonali li adottaw opinjonijiet motivati esprimew dubji dwar l-użu tal-Artikolu 352 tat-TFUE bħala l-bażi legali għall-proposta. Ħafna sabu l-użu ta' din il-bażi legali mhux ġustifikati biżżejjed. Xi wħud ikkunsidraw li minbarra d-dritt tal-istrajk mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 153 tat-TFUE għandha wkoll tiġi eskluża l-possibbiltà li tuża l-Artikolu 352 tat-TFUE bħala bażi legali. L-istess għadd ta' parlamenti nazzjonali esprimew dubji dwar il-valur miżjud tal-proposta u l-ħtieġa għall-azzjoni proposta. Uħud mill-kmamar rrimarkaw li l-proposta ma għandhiex tbiddel is-sitwazzjoni legali attwali, oħrajn sostnew li ma tikkontribwixxix għal ċarezza u ċertezza legali akbar. Barra minn hekk, ħames parlamenti nazzjonali argumentaw li l-Artikolu 153(5) tat-TFUE jeskludi d-dritt tal-istrajkjar minn kompetenza tal-UE, waqt li oħrajn allegaw li l-prinċipju ġenerali u l-prova tal-proporzjonalità inklużi fil-proposta mhum iex konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u jistgħu jgħolqu impatt negattiv fuq id-dritt tal-istrajk. Fost kwistjonijiet oħra li tqajmu, il-parlamenti nazzjonali staqsew jekk hemmx bżonn ta' mekkaniżmu ta' soluzzjoni alternattiv għat-tilwim, għax beżgħu li dan jinterferixxi mas-sistemi nazzjonali. Huma ressqu wkoll dubji dwar il-ħtieġa ta' mekkaniżmu ta' twissija.

Wara valutazzjoni fil-fond tal-argumenti mressqa mill-parlamenti nazzjonali f'opinjonijiet motivati tagħhom, il-Kummissjoni sabet li l-prinċipju tas-sussidjarjetà ma kienx inkiser.

Fit-tweġibiet tagħha lill-parlamenti nazzjonali li ħarġu opinjonijiet motivati,¹⁸ il-Kummissjoni spjegat li l-għan tal-proposta tal-Kummissjoni kien li jiċċara l-prinċipji ġenerali u r-regoli

¹⁷ Ara l-Artikolu 7(2) tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

¹⁸ Ittra tal-14 ta' Marzu 2013.

applikabbli fil-livell tal-UE fir-rigward tal-eżerċizzju tad-dritt fundamentali li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà biex jingħata servizz u l-libertà tal-istabbiliment, inkluż il-ħtieġa li jiġu rikonċiljati fil-prattika f'sitwazzjonijiet transfruntieri. Il-Kummissjoni temmen li dan ma jistax jinkiseb mill-Istati Membri waħedhom u jeħtieġ azzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea.

Rigward il-kwistjoni tal-bażi legali, il-Kummissjoni ddeċidiet li tuża l-Artikolu 352 tat-TFUE minħabba n-nuqqas ta' dispożizzjoni espliċita fit-Trattat. Għalkemm huwa minnu li l-Artikolu 153(5) tat-TFUE jeskludi d-dritt tal-istrajkar mill-firxa ta' kwistjonijiet li jistgħu jiġu regolati madwar l-UE bi standards minimi stabbiliti f'direttiva, id-deċiżjonijiet tal-Qorti wrew biċ-ċar li l-fatt li l-Artikolu 153 ma japplikax għad-dritt tal-istrajkar ma jeskludix l-azzjoni kollettiva mill-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-UE. Barra minn hekk il-Kummissjoni kkunsidrat li Regolament kien l-aktar strument ġuridiku xieraq biex jintużaw bħala huwa direttament applikabbli u kif din kienet tnaqqas il-kumplessità regolatorja u mogħtija ċertezza legali akbar għal dawk soġġetti għal-leġiżlazzjoni madwar l-Unjoni, billi tiċċara r-regoli applikabbli.

Barra minn hekk, ir-Regolament propost kien jirrikonoxxi l-irwol tal-qrati nazzjonali fl-istabbiliment tal-fatti u jaċċerta jekk l-azzjonijiet isegwux għanijiet li jikkostitwixxu interess leġittimu, humiex adatti sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, u jekk imorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex dawn jintlaħqu. Bl-istess mod huwa jirrikonoxxi l-importanza tal-liġijiet u l-proċeduri nazzjonali attwali għat-tħaddim tad-dritt tal-istrajkar, inklużi l-istituzzjonijiet eżistenti alternattivi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim, li la kienu se jinbidlu u lanqas jintlaqtu mill-proposta. Dan kien jispjega r-rwol ta' mekkaniżmi alternattivi ta' riżoluzzjoni informali li jeżistu f'għadd ta' Stati Membri.

Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prinċipju tas-sussidjarjetà ma kienx miksur, iżda hija ħadet nota tal-opinjonijiet espressi mill-parlamenti nazzjonali kif ukoll il-qagħda tad-diskussjonijiet dwar l-abbozz tar-Regolament fost il-partijiet interessati. Hija rrikonoxxiet li l-proposta tagħha probabbilment ma kienx se jkollha l-appoġġ politiku neċessarju fil-Parlament Ewropew u l-Kunsill biex tippermetti l-adozzjoni. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni infurmat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Parlamenti nazzjonali permezz tal-ittri tat-12 u t-13 ta' Settembru 2012 dwar l-intenzjoni tagħha li tirtira l-proposta tagħha u spjegat li, b'dan il-mod, hija ttmatt ukoll biex tiġi ffaċilitata azzjoni rapida tan-negożjati tal-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE, u li jippermettu li jimxu 'l quddiem dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati kif enfasizzat fil-punt 3 l) tal-“Patt għal Tkabbir u Impjiegi” adottat mill-Kunsill Ewropew fit-28-29 ta' Ġunju 2012. Il-Kummissjoni ħadet id-deċiżjoni tagħha li tirtira l-proposta Monti II fis-26 ta' Settembru 2012.¹⁹

*Proposta għal regolament dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn*²⁰

Il-proposta tal-Kummissjoni li attirat t-tieni l-ogħla numru ta' opinjonijiet motivati fl-2012 (5) kienet il-proposta għat-twaqqif tal-fond għall-għajnuna Ewropea għal Dawk l-Aktar fil-Bżonn. Il-Parlamenti nazzjonali kollha li baġthu opinjonijiet motivati²¹ qajmu l-istess kwistjoni, jiġifieri n-nuqqas ta' ġustifikazzjoni suffiċjenti rigward il-konformità tal-proposta

¹⁹ PV(2012) 2017; <http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/10061/2012/EN/10061-2012-2017-EN-F-0.Pdf>.

²⁰ COM(2012) 617; il-predeċessura tagħha kien il-programm tal-UE għad-Distribuzzjoni tal-Ikel għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn li għandu jitwaqqaf fl-2013 — Il-proposta tal-Kummissjoni COM(2010) 486 wkoll kienet irċeviet tliet opinjonijiet motivati.

²¹ DE *Bundestag*, DK *Folketing*, UK House of Lords, UK House of Commons u SE *Riksdag*.

mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.²² DE *Bundestag* issottometta li l-Artikoli 174 u 175 tat-TFUE ma jipprovdwx għal kompetenza tal-UE fil-ġlieda kontra l-faqar, li l-politika soċjali u miżuri skont politika bħal din jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri u li l-proposta kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità. SE *Riksdag* argumentat li l-faqar u l-esklużjoni soċjali huma l-aħjar evitati permezz tal-impjiegi li jippermettu għal appoġġ indipendenti u minn sistema tas-sigurtà soċjali għall-popolazzjoni kollha kemm hi. Fil-fehma tagħha, is-sigurtà soċjali hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri u l-għajnuna hija bl-aktar mod effiċjenti ġestita mill-Istati Membri. Din l-opinjoni ġiet kondiviża minn DK *Folketing*, li sostniet l-għan ta' appoġġ għal daww l-aktar fil-bżonn jista' jkun sodisfat bl-aħjar mod mill-Istati Membri, jew fil-livell ċentrali, reġjonali jew dak lokali. Il-UK House of Lords sabet li ma kien sar l-ebda argument konvinċenti mill-Kummissjoni biex tiġġustifika l-proposta tagħha fid-dawl tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u li kwalunkwe inċertezza dwar l-ħila tal-Istati Membri kollha biex isostnu n-nefqa soċjali u l-investiment f'livelli suffiċjenti tkun tista' tintlaħaq permezz ta' azzjoni taħt il-programmi ta' koeżjoni eżistenti tal-UE. Il-UK House of Commons staqsiet hemmx bżonn għall-azzjoni proposta.

Fit-tweġibiet tagħha għal dawn opinjonijiet motivati, il-Kummissjoni enfasizzat li kienet eżaminat id-dritt tal-UE li taġixxi u l-valur miżjud tiegħu matul il-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt u li dawn is-sejbiet ġew imqassra f'memorandum ta' spjegazzjoni li jakkumpanja l-proposta. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-promozzjoni tal-ħidma u appoġġ indipendenti huwa l-aħjar mod sabiex jikkumbattu l-esklużjoni soċjali u li l-Fond Soċjali Ewropew għandu jibqa' l-istrument ewlieni tal-UE għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali billi jappoġġja miżuri ta' attivazzjoni. Madankollu, hija enfasizzat li għadd dejjem ikbar ta' Ewropej huma wisq' il bogħod mis-suq tax-xogħol biex jibbenefikaw mill-appoġġ li jista' jiġi pprovdut minn fondi eżistenti. Il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni dwar l-obbligu propost li jagħqu d-distribuzzjoni ta' assistenza materjali b'miżuri ta' akkumpanjament, li jimmiraw lejn ir-reintegrazzjoni soċjali ta' persuni meġġuna, li jagħmel lill-Fond propost strument li jmur lil hinn minn interventi passivi. Ir-rapport enfasizza li l-Fond propost għandu jkun ibbażat fuq skemi ta' appoġġ nazzjonali u jkunu implimentati taħt ġestjoni kondiviża, li jħalli lill-Istati Membri r-responsabbiltà primarja biex jiġu identifikati l-aħjar gruppi fil-mira u tipi ta' interventi.

*Proposta għal regolament dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta.*²³

Fost it-tmien proposti tal-Kummissjoni li wasslu għal tliet opinjonijiet motivati, il-proposta għal Regolament dwar il-protezzjoni tad-dejta kienet dik li ġiet ikkritikata mhux biss fuq il-bażi tas-sussidjarjetà, iżda wkoll ta' proporzjonalità. Uħud mill-Parlamenti nazzjonali kienu tal-fehma li l-kamp ta' applikazzjoni tal-att propost għandu jibqa' limitat għal skambji transkonfinali. F'termini ta' proporzjonalità huma argumentaw li l-proposta tista' tinfluwenza t-trattament ta' dejta personali mis-settur pubbliku (b'mod partikolari fil-qasam tas-saħħa u s-servizzi soċjali). Fl-aħħar nett, diversi parlamenti nazzjonali esprimew dubbi dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-għadd ta' setgħat delegati mogħtija lill-Kummissjoni mill-proposta. Dan l-argument tal-aħħar kien prinċipalment rifless mill-Istati Membri fid-diskussjonijiet tal-Kunsill kif ukoll minn uħud mill-membri tal-Parlament Ewropew.

Fit-tweġibiet tagħha l-Kummissjoni spjegat li l-għażla ta' Regolament għandha l-għan li tkompli tarmonizza l-leġiżlazzjoni tal-protezzjoni tad-dejta Ewropea eżistenti biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni fl-Unjoni kollha u tiggarrantixxi b'dan il-mod il-fluss ħieles tad-dejta personali fis-suq intern. Fil-limiti tar-Regolament, l-Istati Membri jżommu ċerta marġini ta' manuvrar fis-settur pubbliku, kif diġà speċifikat mill-proposta. Fir-rigward ta' setgħat

²² L-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 2.

²³ COM(2012) 11.

delegati, il-Kummissjoni ċarat li se jassiguraw l-adattabilità xierqa tal-leġiżlazzjoni għad-dinja li kull ma tmur dejjem tipprogressa ta' dejta elettronika mingħajr il-ħtieġa ta' negozjar mill-ġdid tal-Att fil-livell ta' koleġiżlaturi.

4. KONKLUŻJONIJIET

Is-sena 2012 ġabet magħha aktar għarfien tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità fil-kuntest istituzzjonali, mhux l-inqas minħabba l-parlamenti nazzjonali li jiskattaw l-ewwel karta safra.

Kwistjonijiet ta' kontroll u ta' monitoraġġ tas-sussidjarjetà kienu wkoll b'mod prominenti fuq l-aġenda tal-Parlament Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni, li t-tnejn li huma adattataw il-proċeduri interni tagħhom biex ikunu f'qagħda aħjar biex jeżaminaw l-impatt u l-valur miżjud ta' xogħolhom. Istituzzjonijiet u entitajiet tal-UE qed jesploraw ukoll sinerġiji f'termini tal-valutazzjoni ta' konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u proporzjonalità. B'riżultat ta' dan, il-Kumitat tar-Reġjuni issa jistgħu jissupplixxu informazzjoni, fuq talba espliċita mill-Kummissjoni, dwar l-impatt reġjonali u lokali ta' proposta li kienet ippanjata fil-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni. Il-Parlament Ewropew saħħaħ ukoll l-approċċ tiegħu biex jivvaluta l-impatt u l-valur miżjud tal-UE.

Is-sena 2012 rat intensifikazzjoni ta' diskussjonijiet dwar id-definizzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, jiġifieri l-ħtieġa li jiġi definit aħjar il-kamp ta' applikazzjoni tal-kontroll tas-sussidjarjetà kif deskritt fit-Trattat. Għalkemm il-parlamenti nazzjonali jaraw benefiċċji ċari f'koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-iskrutinju tagħhom tax-xogħol u aktar vuċijiet li jitolbu linji gwida, huma jixtiequ jżommu d-dritt li jinterpretaw dawn il-prinċipji. F'dan il-kuntest, għandu jiġi mfakkar li l-linji gwida dwar il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni²⁴ diġà stabbilixxew b'mod ċar il-kriterji użati biex jivvalutaw il-konformità tal-proposti tal-Kummissjoni mas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, u l-Kummissjoni minn dejjem inkoraġġiet istituzzjonijiet oħra sabiex japplikaw l-istess kriterji.

²⁴ SEC(2009) 92.

Anness

Lista ta' inizjattivi tal-Kummissjoni li dwarhom il-Parlamenti nazzjonali fl-2012 ħarġu opinjonijiet motivati²⁵ fir-rigward tal-konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà²⁶

	Dokument tal-Kummissjoni	Titlu	Opinjonijiet motivati (il-Protokoll 2)	Kamra nazzjonali li qed tressaq opinjonijiet motivati
1	COM(2012)130	L-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li tagħti servizz (Monti II)	12	BE <i>Chambre des Représentants</i> DK <i>Folketing</i> FI <i>Eduskunta</i> FR <i>Sénat</i> LV <i>Saeima</i> LU <i>Chambre des Députés</i> MT <i>Kamra tad-Deputati</i> NL <i>Tweede Kamer</i> PL <i>Sejm</i> PT <i>Assembleia da República</i> UK House of Commons SE <i>Riksdag</i>
2	COM(2012)617	Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn	5	DE <i>Bundestag</i> DK <i>Folketing</i> UK House of Commons UK House of Lords SE <i>Riksdag</i>
3	COM (2012)380	Testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlars tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE	5	CY <i>Vouli ton Antiprosopon</i> NL <i>Eerste Kamer</i> NL <i>Tweede Kamer</i> FR <i>Sénat</i> SE <i>Riksdag</i>
4	COM(2012)11	Il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Dejta Ġenerali)	4	DE <i>Bundesrat</i> BE <i>Chambre des Représentants</i> FR <i>Sénat</i> SE <i>Riksdag</i>

²⁵ Biex tikkwalifika bħala opinjoni motivata skont id-definizzjoni fil-Protokoll 2, opinjoni għandha tiddikjara b'mod ċar ksur tas-sussidjarjetà u tintbagħat lill-Kummissjoni fi żmien tmien ġimgħat mit-trasmissjoni tal-proposta lill-Parlamenti nazzjonali.

²⁶ Klassifikati skont l-ġhadd ta' opinjonijiet motivati li waslu għand il-Kummissjoni bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2012.

5	COM (2011)778	Proposta li temenda d-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati	3	BE <i>Chambre des Représentants</i> SK <i>Národná Rada</i> SE <i>Riksdag</i>
6	COM(2011)779	Rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku	3	BE <i>Chambre des Représentants</i> SK <i>Národná Rada</i> SE <i>Riksdag</i>
7	COM(2011)828	L-istabbiliment ta' regoli u proċeduri fir-rigward tal-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f'ajruporti tal-Unjoni fi ħdan l-Approċċ Bilanċjat u li jħassar id-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	3	DE <i>Bundesrat</i> FR <i>Sénat</i> NL <i>Tweede Kamer</i>
8	COM (2011)897	L-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni	3	DE <i>Bundesrat</i> AU <i>Bundesrat</i> ES <i>Congreso de los Diputados/Senado</i>
9	COM (2012)372	L-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati u ħruġ ta' liċenzji multiterritorjali ta' drittijiet f'xogħlijiet mużikali għal użi online fis-suq intern	3	FR <i>Sénat</i> PL <i>Sejm</i> SE <i>Riksdag</i>
10	COM (2012)381	Proposta li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi	3	CY <i>Vouli ton Antiprosopon</i> NL <i>Eerste Kamer</i> NL <i>Tweede Kamer</i>
11	COM (2012)382	Proposta dwar il-pjan direzzjonali tekniku tal-affidabbiltà stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li tħassar id-Direttiva 2000/30/KE	3	CY <i>Vouli ton Antiprosopon</i> NL <i>Eerste Kamer</i> NL <i>Tweede Kamer</i>
12	COM (2012)576	L-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom fl-Unjoni	3	FR <i>Sénat</i> IT <i>Senato della Repubblica</i> SE <i>Riksdag</i>

13	COM (2012)614	It-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati f'boroż u miżuri relatati	3 ²⁷	DK <i>Folketing</i> NL <i>Eerste Kamer/Tweede Kamer</i> SE <i>Riksdag</i>
14	COM (2011)821	Dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro	2	FR <i>Sénat</i> SE <i>Riksdag</i>
15	COM (2012)10	Il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u l-moviment liberu ta' dik id-dejta	2	DE <i>Bundesrat</i> SE <i>Riksdag</i>
16	COM(2012)167	Proposta li temenda r-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea	2	AU <i>Bundesrat</i> ES <i>Congreso de los Diputados/Senado</i>
17	COM(2012)48	Proposta li temenda d-Direttiva 2001/83/KE, fir-rigward tal-informazzjoni għall-pubbliku inġenerali dwar prodotti mediċinali soġġetti għal preskrizzjoni medika u fir-rigward tal-informazzjoni għall-pubbliku inġenerali dwar prodotti mediċinali soġġetti għal preskrizzjoni medika, id-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem	2	PL <i>Senat</i> SE <i>Riksdag</i>
18	COM (2012)49	Proposta li temenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 fir-rigward ta' informazzjoni lill-pubbliku ġenerali dwar prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem soġġetti għal preskrizzjoni medika	2	PL <i>Senat</i> SE <i>Riksdag</i>

²⁷ Dwar din il-proposta l-Kummissjoni rċeviet sitt opinjonijiet motivati b'kollox. Tliet opinjonijiet motivati (PL Sejm; PL Senat; UK House of Lords) ġew riċevuti wara l-31 ta' Diċembru 2012, iżda qabel l-iskadenza tal-15 ta' Jannar 2013.

19	COM(2012)84	It-trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u l-inklużjoni tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni ta' sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa	2	AU <i>Nationalrat</i> LU <i>Chambre des Députés</i>
20	COM(2011)793	Soluzzjoni alternattiva għat-tilwim u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi)	2	DE <i>Bundesrat</i> NL <i>Eerste Kamer</i>
21	COM(2011)895	Akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u dak postali	2	SE <i>Riksdag</i> UK House of Commons
22	COM(2011)896	Akkwist pubbliku	2	SE <i>Riksdag</i> UK House of Commons
23	COM(2011)747	Proposta li temenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu	1	SE <i>Riksdag</i>
24	COM(2011)794	Soluzzjoni online għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi (Regolament dwar l-ODR tal-konsumaturi)	1	NL <i>Eerste Kamer</i>
25	COM(2011)824	Servizzi ta' groundhandling fl-ajruporti tal-Unjoni u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE	1	LU <i>Chambre des Députés</i>
26	COM(2011)834	Li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-Intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (2014 - 2020)	1	SE <i>Riksdag</i>
27	COM(2011)873	Li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR)	1	SE <i>Riksdag</i>
28	COM(2011)877	Proposta li temenda d-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku	1	SE <i>Riksdag</i>
29	COM(2012)150	Proposta li temenda d-Direttivi 1999/4/KE, 2000/36/KE, 2001/111/KE, 2001/113/KE u 2001/114/KE fir-rigward tas-	1	AU <i>Bundesrat</i>

		setgħat li għandhom jiġu konferiti fuq il-Kummissjoni		
30	COM(2012)280	Li jistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-risoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 77/91/KEE u 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/KE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010	1	SE <i>Riksdag</i>
31	COM(2012)35	Statut għal Fondazzjoni Ewropea (FE)	1	LT <i>Seimas</i>
32	COM(2012)363	Il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali	1	SE <i>Riksdag</i>
33	COM(2012)369	Il-provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, u li jħassar id-Direttiva 2001/20/KE	1	PL <i>Sejm</i>
34	COM(2012)511	Li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu	1	SE <i>Riksdag</i>
	Opinjonijiet motivati dwar proposti mgħoddija individwalment		83	
	Opinjonijiet motivati dwar pakketti ta' proposti ²⁸		-13	
	TOTAL		70	

²⁸ Peress li xi opinjonijiet jikkonċernaw pakketti ta' proposti, it-tabella tistabbilixxi l-għadd ta' opinjonijiet motivati li joħorġu għal kull proposta. Sabiex ukoll turi l-għadd ta' opinjonijiet motivati li waslu mill-Kummissjoni, l-għadd ta' opinjonijiet motivati li jkopri aktar proposti minn waħda huwa mnaqqas.